**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 159/2018**

**Charles Sammut**

**vs**

**Janice Sciberras**

**Illum, 14 ta' Dicembru, 2018**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> "Illi l-esponenti kien kera lill-intimata il-fond gewwa Victoria Flats, Flat 8, Triq Luqa Briffa, Naxxar li kien jiggedded xahar b'xahar u li kien jithallas xahar bil-quddiem fl-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233) fix-xahar u dan bi ftehim verbali madwar ghaxar snin ilu;

Illi l-esponenti informa lill-intimata f'Settembru 2018 li ma kien bil-hsiebu jgedded il-kera wara l-ahhar ta' Settembru 2018 u ghalhekk il-kirja giet terminata fit-30 ta' Settembru 2018;

Illi ghalkemm din il-kirja issa giet tterminata, l-intimata naqset ukoll li wara t-terminazzjoni tal-kirja tghaddi lura lis-sid il-fond lilha mikri wara l-skadenza tat-terminu tal-kirja;

Illi ghalhekk l-intimata qed iddetjeni l-fond tar-rikorrenti minghajr titolu fil-ligi;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. Jiddeciedi u jilqa' t-talba guramentata tar-rikorrenti minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-kiri ta' Bini (Kap 69) in vista tal-hawn fuq dikjarazzjoni guramentat kif ukoll skont d-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Tikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju tizgombra mill-fond Flat 8, Victoria Flats, Triq Luqa Briffa, Naxxar u tawtorizza lill-esponenti jirriprendi l-pussess tal-istess fond;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimat u b'rizerva ta' kull dritt iehor ta' azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat skont il-ligi."

Ra illi l-intimata ma preżentatx risposta pero dehret fis-seduta tas-07 ta' Dicembru 2018 debitament assistita.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent talab li (a) il-Bord jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh u (b) l-izgumbrament tal-intimata mill-fond.

Illi l-intimata dehret fl-ewwel smiegh tal-kawza sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrent.

Illi fl-istess smiegh tas-07 ta' Dicembru 2018, il-partijiet ftehmu u qablu li "ir-rikorrent qed icedi li l-intimata tista' tirrisjedi fil-post ghal erba' xhur mil-lum bil-kundizzjoni li fi zmien erba' xhur mil-lum tizgombra mill-fond.".

Ghaldaqstant, il-Bord, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba in vista tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, qieghed jilqa' t-tieni talba tar-rikorrent b'dana illi l-intimata ghandha tizgombra mill-fond sas-07 ta' April 2019, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur